MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 136/1986/5

**Avukat Dottor Henry sive Eric Mamo ghan-nom u in rapprezentanza tal-Mid-Med Bank Limited u b'nota tat-23 ta' Frar 1998, l-isem tas-socjeta` Mid-Med Bank Limited gie sostitwit ghal Mid-Med Bank p.l.c. u b'nota tat-23 ta' Novembru 1999, l-isem tas-socjeta` Mid-Med Bank p.l.c. inbidel ghal HSBC Bank Malta p.l.c.**

**v.**

**Bernard Ellul Sullivan u Walter Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Eurowear Clothing Industry Limited u Alexander u Bernard Ellul Sullivan ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Mixer**

**Wholesale Company Limited u Bernard Ellul Sullivan u Joseph Ellul Sullivan u Alexander Zammit u Walter Zammit; u b'digriet tat-23 ta' Jannar 1996, Nadia mart Walter Zammit, Patricia mart Bernard Ellul Sullivan, Edwige mart Joseph Ellul Sullivan u Johanna mart Alexander Zammit thallew jidhlu fil-kawza in statu et terminis**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Johanna Zammit tas-7 ta' Settembru 2006, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbet li din Qorti tirrevoka u thassar id-decizjoni ossija digriet deciz mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civli fil-31 ta' Mejju 2005, u dan billi tichad it-talba ghall-ezekuzzjoni provvizorja tas-sentenza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili dan ai termini ta' l-Art. 266 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Rat l-opposizzjoni tal-HSBC Bank Malta p.l.c. tas-16 ta' Ottubru, 2006.

Rat l-Artikolu 266 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u senjatament is-subartikolu 10, u billi jirrizulta li l-proprjeta` li fuqha ntalbet l-ezekuzzjoni provvizorja tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti hija milquta b'ipoteka specjali favur il-Bank intimat, liema ipoteka hija garanzija tajba ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza meta din tghaddi in gudikat.

Tilqa' t-talba u konsegwentement tirrevoka d-digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2006, fil-kawza fl-ismijiet premessi. L-ispejjez, jekk hemm, ghandhom jigu sopportati mill-Bank intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------